

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-abbuż mill-istatus ta’ persuna li taħdem għal rasha” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2013/C 161/03)

Relatur: **is-Sur SIECKER**

Nhar id-19 ta’ Jannar 2012, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

*L-abbuż mill-istatus ta’ persuna li taħdem għal rasha*

(Opinjoni fuq inizzjattiva proprja).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġetti, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-7 ta’ Marzu 2013.

Matul l-488 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta’ Marzu 2013 (seduta tal-21 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’157 vot favur, 17-il vot kontra u 35 astensjoni.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Attwalment m’hemm l-ebda definizzjoni ċara u mingħajr ambigwiżità li tapplika għall-UE kollha u li tagħmel distinzjoni ċara bejn il-persuni li jaħdmu għal rashom u fisimhom bona fede u l-persuni li jaħdmu għal rashom b’mod falz. Kull awtorità kompetenti u kull korp individwali juża l-qafas legali jew regolatorju tiegħu stess, li jista’ jkun differenti skont il-qasam ta’ ġuriżdizzjoni u politika tagħhom (leġislazzjoni tat-taxxa, sigurtà soċjali, liġi tan-negozju, suq tax-xogħol, assigurazzjoni). Dawn l-abbużi jvarjaw minn evażjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, sa evażjoni tat-taxxa u d-dgħajfien tad-drittijiet tax-xogħol relatati ma’ xogħol mhux iddikjarat. Dan huwa distorsjoni serja tal-kompetizzjoni għal dawk li jaħdmu għal rashom b’mod ġenwin, il-mikrointrapriżi u l-SMEs.

1.2 Fil-Green Paper tagħha tal-2006 intitolata “Li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21”, il-Kummissjoni Ewropea qajmet il-kwistjoni dwar jekk għandhomx jiġu ċċarati d-definizzjonijiet legali tal-Istati Membri għal xogħol bis-salarju u għax-xogħol ta’ dawk li jaħdmu għal rashom, sabiex b’hekk isiru iżjed faċli t-tranżizzjonijiet bona fede minn xogħol bis-salarju għal impjeg indipendenti u viċi versa. Fil-konsultazzjoni li segwiet il-Green Paper, ġie rikonnoxxut li n-nuqqas ta’ definizzjoni applikabbli għall-UE kollha tista’ twassal għal problemi, partikolarment f’sitwazzjonijiet li jinvolvu xogħol (u forniment ta’ servizzi) transkonfinali.

1.3 Ir-rakkomandazzjoni tal-ILO tal-2006 tiegħu approċċ wiesa’ għall-kunċett ta’ “relazzjoni ta’ impjeg” sabiex tippermetti l-azzjoni kontra l-impjeg indipendenti falz. Fid-deċizzjoni dwar jekk ikunx hemm relazzjoni ta’ impjeg jew le, il-fokus primarju għandu jkun fuq il-fatti dwar l-attivitajiet u r-remunerazzjoni tal-impjegat, irrispettivament minn kif tkun karatterizzata r-relazzjoni, pereżempju, f’termini kuntrattwali. Teżisti relazzjoni ta’ impjeg moħbija meta dak li jħaddem jitratta l-ħaddiem b’mod li jaħbi l-istatus legali veru tal-persuna bħala impjegata, u meta t-termini kuntrattwali jista’ jkollhom l-effett ta’ tneħħija tal-protezzjoni li l-impjegati huma intitolati għaliha.

1.4 Diversi Stati Membri diġà għamlu tentattivi biex isibu definizzjoni preċiża biex tiġi determinata d-differenza bejn persuna li taħdem għal rasha u impjegat, abbażi ta’ sensiela ta’ kriterji stabbiliti minn qabel. Minħabba l-kumplessità ta’ kif inhuma fil-fatt id-diversi sitwazzjonijiet, fil-prattika ħafna drabi jinħolqu problemi biex tinstab definizzjoni definittiva. Il-KESE huwa konxju ta’ dan u għalhekk jipproponi li ssir valutazzjoni tal-esperjenzi differenti fl-Istati Membri biex jinsiltu għadd ta’ konklużjonijiet u jiffasslu rakkomandazzjonijiet għal approċċ iktar effettiv.

1.5 Regolazzjoni affidabbli, u definizzjoni tal-impjeg indipendenti falz, jgħinu lil dawk il-persuni li jaħdmu għal rashom bona fede u lill-mikrointrapriżi. L-impjeg indipendenti falz għandu jiġi miġġieled permezz tar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-pożizzjoni reali fis-suq tax-xogħol. Id-dipendenza ekonomika minn klient (li ta’ spiss ikun dak li kien iħaddem fil-passat) tindika tkompli tar-relazzjoni ta’ impjeg.

1.6 L-iżvilupp ta’ sigurtà soċjali tajba għall-persuni li jaħdmu għal rashom fl-Istati Membri kollha, b’kunsiderazzjoni tal-aspetti speċifiċi tal-istatus ta’ persuna li taħdem għal rasha, ser jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-abbuż potenzjali u l-prevenzjoni tiegħu.

1.7 Impjegati li jibdeu jaħdmu għal rashom b’mod ġenwin huma parti normali mis-suq tax-xogħol u l-ekonomija. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat kif dawn jistgħu jibbenefikaw minn faċilitajiet konġunti bħall-integrazzjoni f’organizzazzjonijiet tal-SMEs, f’organizzazzjonijiet tan-negozju, fi kmamar u f’organizzazzjonijiet tas-suq tax-xogħol eżistenti, kif ukoll l-inklużjoni f’partijiet differenti tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u tal-iskemi tal-pensjoni. Barra dan, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom japplikaw fl-intier tagħhom, u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali għandhom isiru aċċessibbli.

1.8 Il-KESE jisħaq fuq il-valur soċjetali u soċjoekonomiku u l-importanza tal-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha. Madankollu, huwa importanti li ċ-ċittadini, fuq bażi volontarja u b'għarfien sħiħ, ikunu jistgħu jagħżlu jekk jixtiqux jadottaw dan l-istatus.

1.9 Xi skemi li twaqqfu fl-Istati Membri għall-iżvilupp tal-intraprenditorjat jistgħu jgħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni għal dawk li jaħdmu għal rashom b'mod ġenwin, il-mikrointrapriżi u l-SMEs. Huwa importanti li jkun hemm studju tal-impatt fuq dawn il-kategoriji kollha. Il-KESE jipproponi li jsir suġġeriment lill-Istati Membri biex jidentifikaw is-setturi partikolarment problematiċi u li jstabbilixxu, permezz ta' djalogu soċjali, rati minimi fis-siegħa li jistgħu jvarjaw anke bejn ir-reġjuni fl-istess Stat Membru.

Huwa essenzjali li l-akkwist pubbliku fil-livell ta' Stat Membru ikun jirrispetta pass bħal dan sabiex jingħata eżempju u jkompli jiġu indirizzati sitwazzjonijiet iġusti.

## 2. L-iżvilupp tas-suq tax-xogħol

2.1 L-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha huwa wieħed leġittimu fis-suq tax-xogħol u kulħadd għandu d-dritt li jaħdem għal rasu. Il-KESE adotta din il-pożizzjoni f'diversi opinjonijiet li ħejja dwar il-persuni li jaħdmu għal rashom. Iżda hemm ukoll l-aspett oppost ta' dan il-fenomeno li għadu ma ġiex indirizzat mill-Kumitat. L-aħħar Opinjoni ddikjarat b'mod ċar li: "mhux ser nipprovwaw nindirizzaw is-suġġett tax-xogħol mhux iddikjarat jew tal-hekk imsejjaħ "xogħol taparsi indipendenti", għalkemm it-tnejn li huma jista' jkollhom, jew jidhru li jkollhom, rabta mal-ħaddiema ekonomikament dipendenti li jaħdmu għal rashom" (1). Sa fl-aħħar l-Opinjoni preżenti tindirizza dawn it-temi.

2.2 Fid-deċennji reċenti seħħew bidliet kbar fil-kompożizzjoni tal-kategorija tal-persuni li jaħdmu għal rashom, hekk kif ġara wkoll fil-kategorija tal-indipendenti u l-intraprendituri ż-żgħar "tradizzjonali". Fil-perjodu attwali, sar b'żonjuż li jiġi vvalutat jekk l-ambjent operattiv ikunx joffri biżżejjed protezzjoni għall-persuni li jaħdmu għal rashom. Il-KESE ifakkar fl-Opinjoni preċedenti (2) tiegħu li fiha rrakkomanda li:

— tinġabar data dwar l-hekk imsejjaħ "xogħol indipendenti ekonomikament dipendenti" fl-UE;

— jiġu identifikati aspetti komuni fid-definizzjonijiet ta' persuni impjegati fi Stati Membri differerenti; u

— jiġu promossi studji li jippermettu analiżi dettaljata tal-esperjenzi nazzjonali partikolarment f'żoni transkonfinali.

2.3 L-impjegat indipendenti jvarja minn Stat Membru għal ieħor. F'xi pajjiżi (il-Pajjiżi l-Baxxi) huwa definit bħala persuna li taħdem fisimha, prinċipalment bħala sottokuntrattur għal kumpanija oħra. F'pajjiżi oħrajn (Franza) l-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha huwa riżervat għall-intraprenditur li mhuwiex impjegat tal-kumpanija tiegħu; u jista' jkollu jew ma jkollux impjegati. L-impjegat indipendenti mhuwiex limitat għas-sottokuntrattur għax jista' jkollu wkoll konsumaturi bħala klijenti. Definizzjonijiet differenti tal-impjegat u tal-impjegat ta' persuni li jaħdmu għal rashom għandhom sinifikat kbir mhux biss għal-liġi tax-xogħol, imma għas-sigurtà soċjali u l-leġislazzjoni dwar it-taxxa wkoll.

2.4 Il-ħolqien tas-suq uniku u l-introduzzjoni tal-moviment liberu assoċjat miegħu kkontribwixxew għall-iżvilupp imsemmi f'punt 2.2 u għabu magħhom l-użu tal-impjegat indipendenti fil-partijiet l-iktar vulnerabbli tas-swieq tax-xogħol tagħna. Ilum il-ġurnata numru ta' ħaddiema qed jiġu reklutati (permezz ta' kull tip ta' aġenzija) bħala "fornituri tas-servizzi li jaħdmu għal rashom" u mhux bħala ħaddiema. Il-persuna reklutata ma tingħatax kuntratt għax permezz tax-xogħol indipendenti tagħha din tippovdi servizz speċjali fisimha stess. L-xogħol irħis jista' jiġi provdut b'fattura u mingħajr konformità mal-istandards nazzjonali tax-xogħol (3). Il-mistoqsija dwar kemm huma ġenwin dan l-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha hija leġittima.

(3) Publikazzjoni reċenti uriet li l-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha jintuża wkoll biex ikunu evitati r-ristrizzjonijiet fuq is-suq tax-xogħol marbuta mal-proċess ta' tkabbir. Skont Béla Galgóczi, waħda mill-iktar kwistjonijiet kontroversjali fid-dibattitu dwar il-mobbiltà tax-xogħol fl-UE, mhux l-inqas fil-kuntest tal-miżuri tranżizzjonali imposti minn xi Stati Membri, kienet il-possibbiltà li impjegat ikun sostitut minn persuna li taħdem għal rasha, skont id-dispożizzjoni tal-libertà tas-servizz, biex ikunu evitati r-ristrizzjonijiet imposta bħala miżuri tranżizzjonali fuq l-impjegat bis-salarju. (p. 23). M'hemmx użu eċċessiv enormi tal-impjegat indipendenti fittizzju, iżda f'pajjiżi b'ristrizzjonijiet minn miżuri tranżizzjonali jidher li qed tintuża strateġija ta' aġġustament. Ir-rata ta' persuni li jaħdmu għal rashom mir-Romanija u l-Bulgarija żdiedet mill-2008, u kienet differenti sew fl-2011 fil-Ġermanja, l-Belġju u l-Awstrija meta mqabbla ma persuni li jaħdmu għal rashom minn dak il-pajjiżi stess jew mill-pajjiżi tal-UE8. Fir-Renju Unit, fejn ir-ristrizzjonijiet għall-ħaddiema Rumani għadhom japplikaw, perċentwal għoli jidhru fil-pajjiż bl-użu tal-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha (kważi 45%). Meta tqis il-persuni mill-pajjiżi tal-UE8 li m'għadx għandhom b'żonn awtorizzazzjoni, fuq medja il-perċentwal ta' persuni li jaħdmu għal rashom naqas għall-medja nazzjonali tar-Renju Unit. Xhieda ta' dan tiġi mill-każ Taljan; billi m'hemmx ristrazzjonijiet fuq il-ħaddiema migranti mill-UE2 fis-settur tal-kura u tal-kostruzzjoni, dawn, il-maġġoranza tagħhom Rumani li jaħdmu f'dawn is-setturi, għandhom rata inqas ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta mqabbla ma' Taljan stess jew pajjiżi oħra tal-UE jew migranti minn barra l-UE. (*EU Labour Migration in Troubled Times - Skills Mismatch, Return and Policy Responses* by Béla Galgóczi, Janine Leschke, Andrew Watt (Eds.), Ashgate, 2012).

(1) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 44.

(2) Ibid.

2.5 Hemm bosta problemi identifikabbli fir-relazzjonijiet tax-xogħol, partikolarment f'każi transkonfinali<sup>(4)</sup>. Hemm xebh bejn tali relazzjonijiet u l-pożizzjoni tal-ħaddiem każwali jew tal-ħaddiem li jieħu xogħol bil-ġurnata (day labourer) tradizzjonali, tip ta' xogħol bl-użu tal-kapijiet ta' gangs illegali (gangmasters) li kulħadd ħaseb kienu xi ħaġa tal-imgħoddi<sup>(5)</sup>. Għalhekk, f'ċerti pajjiżi, persuna li taħdem għal rasha u topera fisimha tista' tibda twestaq attivitajiet mil-lum għall-għada, meta dawn normalment ikunu jeħtieġu snin ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol fil-każ ta' persuni b'impjeg permanenti. Żviluppaw kapijiet ta' gangs illegali u aġenziji ta' reklutaġġ speċjali li jipprovdu servizzi lil persuni li jaħdmu għal rashom. Dawn jippermettu li n-negozji jaqilbu faċilment għal kuntratti tax-xogħol li bihom persuni li jaħdmu għal rashom iwettqu l-istess xogħol li qabel kienu jagħmluh l-impjegati. Hemm ħeġġa għal evidenza aktar affidabbli biex jiġi evalwat in-numru ta' ħaddiema milquta u d-delinjazjonijiet l-aktar kritiċi. Għalhekk hija meħtieġa aktar riċerka professjonali.

2.6 Minbarra l-kuntratturi privati, aktar u aktar negozji u settur pubbliku qed jagħmlu wkoll użu regolari ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Kwart tan-negozji li jqabbdu l-persuni li jaħdmu għal rashom isemmu l-għarfien u l-esperjenza bħala l-aktar raġuni importanti għar-reklutaġġ. Il-persuni li jaħdmu għal rashom jitqabbdu biex jiġu indirizzati perjodi intensivi fil-proċess tal-produzzjoni u nuqqas ta' persunal kwalifikat. Raġuni oħra importanti, skont dawki li jħaddmu, hija l-flessibilità fl-arranġamenti tal-persunal.

2.7 Ma teżisti l-ebda problema jekk il-persuni li jaħdmu għal rashom jagħżlu minn jeddom li jmexxu fisimhom negozji b'persuna waħda. Madankollu, jekk il-bidla ma tkunx ibbażata fuq għażla ġenwina għal status ta' persuna li taħdem għal rasha, fil-fatt ir-riskji soċjali jiġu trasferiti mill-impriża għall-ħaddiema individwali. Dan iwassal għal abbużi li jvarjaw minn evażjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, għal evażjoni tat-taxxa u

abbuż tad-drittijiet tax-xogħol, sa xogħol mhux iddikjarat<sup>(6)</sup>. Dan huwa distorsjoni serja tal-kompetizzjoni għal dawki li jaħdmu għal rashom b'mod ġenwin, il-mikrointrapriżi u l-SMEs. Barra dan, xi skemi li twaqqfu fl-Istati Membri għall-iżvilupp tal-intraprenditorjat (il-każ tal-awtointraprendituri fi Franza) jistgħu joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn dawki li jaħdmu għal rashom b'mod ġenwin u din il-kategorija ġdida ta' persuni li jaħdmu għal rashom.

2.7.1 Il-KESE jipproponi li jsir suġġeriment lill-Istati Membri biex jidentifikaw is-setturi partikolarment problematiċi u li jstabbilixxu, permezz ta' djalogu soċjali, rati minimi fis-sieġha li jstgħu jvarjaw anke bejn ir-reġjuni fl-istess Stat Membru.

Huwa essenzjali li l-akkwist pubbliku fil-livell ta' Stat Membru ikun jirrispetta pass bħal dan sabiex jingħata eżempju u jkompli jiġu indirizzati sitwazzjonijiet iġusti.

2.8 Il-proporzjon ta' persuni li jaħdmu għal rashom żdied madwar l-Ewropa fis-snin tmenin, qabel naqas f'it fis-snin disgħin. Fid-deċennji reċenti, is-sitwazzjoni kienet differenti minn Stat Membru għal ieħor. F'xi pajjiżi, l-impjeg indipendenti reġa' żdied, filwaqt li f'oħrajn il-proporzjon baqa' stabbli jew wera tendenza ta' tnaqqis (OECD Employment Outlook 2005 u OECD Factbook 2006). Minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja, ma kienx hemm żieda fil-proporzjon globali ta' persuni li jaħdmu għal rashom. Numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom jiffurmaw parti minn dak li jissejjaħ "saff flessibbli" tal-forza tax-xogħol: relazzjonijiet tax-xogħol li f'it għandhom stabbiltà u li jstgħu jinħallu malajr fiż-żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, biex imbagħad jissejjuhura lura mill-ġdid meta jerġgħu jibdeu ifiġġu prospetti ta' tkabbir.

2.9 Il-persuni li jaħdmu għal rashom ma jilħqux standards għoljin daqs tal-persuni impjegati fir-rigward tas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol u l-protezzjoni ambjentali. Mod kif jista' jingħeleb dan in-nuqqas hu li jinħolqu ċentri ta' servizzi għal persuni li jaħdmu għal rashom li jwettqu dawn il-kompiti għalihom.

<sup>(4)</sup> Ir-Rapport Supiot tal-1999 diġà kien osserva l-wasla tal-persuni li jaħdmu għal rashom "ġodda" f'diversi Stati Membri u rrefera għal dan il-fenomeni bħala problematiku għal żewġ raġunijiet: l-impjeg indipendenti jista' jservi ta' mezz kif wieħed jevadi l-obbligi ta' min iħaddem; u, meta l-ħaddiema aktar żgħażaġh u b'edukazzjonijiet tajba jagħżlu l-intraprenditorja dawn ma jkunux qed jipparteċipaw fis-solidarjetà tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-impjegati. Fl-istess ħin, hemm ukoll aspett pożittiv tal-fenomeni ta' persuni li jaħdmu għal rashom "ġodda". L-impjeg indipendenti jista' joffri aktar spazju għall-kapaċitajiet tal-ħaddiema li huma ġenwinament awtonomi u li normalment ikollhom kwalifiki għolja u, għaldaqstant, jista' jikkontribwixxi għal żieda fil-kwalità tax-xogħol u għall-innovazzjoni tal-organizzazzjoni tax-xogħol. Jintużaw deżinjazzjonijiet bħal "mhux ġenwini (bogus)" u "dipendenti" biex jiġi enfazzzjat l-aspett negattiv ta' dan it-tip ta' impjeg indipendenti. "Mhux ġenwini" biex wieħed juri li t-terminu "persuni li jaħdmu għal rashom" użat hawn-hekk bilkemm jista' jiġi kwalifikat bħala tali, "dipendenti" biex wieħed juri li l-hekk imsejħhin persuni li jaħdmu għal rashom mhumiex indipendenti, la ekonomikament u lanqas fil-kontroll tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjeg (M. Westerveld, [http://www.uva-aiaa.net/news\\_agenda/agenda/522](http://www.uva-aiaa.net/news_agenda/agenda/522)).

<sup>(5)</sup> Fi Franza dan it-tip arkajku jissejjaħ "marchandage de main-d'œuvre". L-ewwel atti legali li jipprojbixxu dan it-tip ta' reklutaġġ ta' xogħol biss kienu tffasslu diġà fi Franza f'nofs is-seklu dsatax.

<sup>(6)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (KE) tiddekrivi xi tipi ta' abbużi: fi Franza, l-istatus ġdid "awtointraprenditur" intuża b'mod abużiv minn xi wħud li jħaddmu biex iħallsu inqas taxxa għall-impjegati li jkunu mġiegħla jaċċettaw l-istatus il-ġdid. Fi Stati Membri differenti, inklużi l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju, hemm "impjeg indipendenti falz" li jirreferi għal dawki il-ħaddiema li, għalkemm jitqiesu bħala li jaħdmu għal rashom, l-istatus tagħom (persuni li jaħdmu għal rashom jew impjegati) mhuwiex ċar. Fit-teorija, dawn jaħdmu għal rashom (min iħaddem iħallas biss somma fissa li minnha l-ħaddiem irid iħallas l-assigurazzjoni tiegħu stess u spejjeż oħrajn), imma, fil-prattika, m'hemm l-ebda differenza bejniethom u kwalunkwe ħaddiem ieħor li jagħmel l-istess xogħol (KE, European Employment Observatory Review, Self-employment in Europe 2010, p. 29) (mhux disponibbli bil-Malti).

### 3. Definizzjoni ta' persuna li taħdem għal rasha

3.1 M'hemm l-ebda referenza unifikata fil-leġislazzjoni jew fir-regolamentazzjoni għall-persuni li jaħdmu għal rashom <sup>(7)</sup>. Xi kultant it-terminu jirreferi għal ħaddiema freelance, u drabi oħra jirreferi għall-persuni kollha li jaħdmu għal rashom b'mod indipendenti. L-istatus jimplika li huma ma jkollhomx kuntratt tax-xogħol, imma jipprovdu servizzi lil klijenti u kuntratturi abbażi ta' kuntratt kummerċjali.

3.2 Il-kategorija tal-persuni li jaħdmu għal rashom ta' spiss hija maqsuma bejn żewġ estremi (Fondazzjoni Ewropea, 1996). F'estrem wieħed insibu professjonisti bi kwalifiki għolja u b'esperjenza li huma konxji tal-pożizzjoni tagħhom fis-suq, jafu x'isarrfu u jixtiequ jkomplu n-negozju fisimhom stess. Dan l-ewwel grupp huwa maġmūl prinċipalment minn persuni aktar imdaħħlin fl-età u mħallsa tajjeb li jippjanaw u jorganizzaw ix-xogħol huma nnifishom. L-estrem l-ieħor jinkludi persuni li jaħdmu għal rashom li l-istatus tagħhom m'għandux skop ieħor ħlief li jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju fuq il-klijent. Il-persuni f'dik is-sitwazzjoni huma persuni li jaħdmu għal rashom b'mod falz, fit li xejn ikollhom libertà tal-għażla jew saħansitra xejn affattu, u jkunu ekonomikament dipendenti mill-klijent tagħhom b'mod sħiħ. Ħarsa lejn il-letteratura turi li dan jiġri f'żewġ minn ħames kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom li ġew definiti fi studju reċenti <sup>(8)</sup>.

3.3 Mill-perspettiva legali, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mhumiex kollha fl-istess pożizzjoni tajba meta mqabblin ma' persuni impjegati. Studju Olandiż, li sar fl-2010 mill-EIM għall-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjieg, wera kif il-persuni li jaħdmu għal rashom jimmaniġġjaw ir-riskji. Huma ma jistgħux jiddependu mill-assigurazzjoni kollettiva għall-impjegati, u għal-hekk iridu jassiguraw lilhom infushom biex ikopru r-riskji. F'ħafna każi, ma jiġrix hekk. Jiġri pjuttost ta' spiss li huma jkollhom obbligazzjoni tal-assigurazzjoni (72 %), imma huwa anqas frekwenti li dawn ikunu assigurati kontra l-mard (20 %) jew l-inkapaċità għax-xogħol (36 %). Persuna waħda biss minn kull żewġ persuni li jaħdmu għal rashom qed tibni riżerva għall-irtirar. B'hekk dawn qegħdin fir-riskju li jsibu ruħhom fil-faqar meta jirtiraw. Fl-agrikoltura u l-kostruzzjoni huma għandhom aktar tendenza mill-medja li jkunu assigurati kontra r-riskji, u dawk li jaħdmu fil-kostruzzjoni u s-servizzi tan-negozju għandhom tendenza akbar li jkollhom provvediment ta' pensjoni. Il-KESE jirakkomanda li l-persuni li jaħdmu għal rashom, meta japplikaw għal dan l-istatus, għandhom ikunu infurmati sew dwar il-konsegwenzi ta' kontribuzzjonijiet baxxi ta' assigurazzjoni soċjali u tas-saħħa u dwar il-kundizzjonijiet u obbligi oħra meta wieħed jiftaħ negozju.

<sup>(7)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea tinnota (ibid p. 6) li fil-pajjiżi differenti hemm fehim u definizzjonijiet differenti tat-terminu impjieg indipendenti, b'definizzjonijiet għal numru ta' sottokategoriji differenti: pereżempju, skont l-istatus legali tal-impriża, skont jekk in-negozju għandux impjegati jew le (dawk li jħaddmu mqabbla ma' ħaddiema li jaħdmu fisimhom) u/jew skont is-settur li fih jopera n-negozju (eż. l-agrikoltura). Xi pajjiżi jagħmlu distinzjoni wkoll bejn status ta' "persuni li jaħdmu għal rashom" u status ta' "persuni li jaħdmu għal rashom li huma dipendenti" (eż. Spanja, l-Italja), fejn il-persuna li taħdem għal rasha taħdem għal klijent wieħed biss. Oħrajn jiddistingwew impjieg indipendenti li jitwettaq fl-istess żmien li dak li jkun ikollu impjieg imħallas (eż. il-Belġju).

<sup>(8)</sup> Ħaddiema li jaħdmu għal rashom: relazzjonijiet industrijali u kundizzjonijiet tax-xogħol. EIRO, 2009.

### 4. Nuqqas ta' armonizzazzjoni u abbuż mill-istatus

4.1 Fis-snin reċenti, reġa' qam interess f'diversi pajjiżi Ewropej dwar jekk hemmx relazzjoni ta' impjieg jew le, u liema drittijiet u protezzjoni huma marbuta ma' dan l-istatus. Dan huwa dovut għal bidliet sostanzjali fil-mod ta' kif jaħdem in-negozju, b'żieda fl-esternalizzazzjoni u s-sejħiet għall-offerti, filwaqt li l-leġislaturi taw widen għat-talba għal aktar flessibilità u tnaqqis tal-piżijiet "amministrattivi", ħaġa li wasslet għal deregolazzjoni u politika li tfittex li twaqqaf il-forom "tradizzjonali" tas-sigurtà tal-impjieg.

4.2 Mill-perspettiva legali diversi pajjiżi Ewropej ippruvaw jirrestrinġu l-kunċett billi jiżviluppaw aktar id-definizzjoni ta' "relazzjoni ta' impjieg" abbażi ta' diversi kriterji. Tali relazzjoni hija karatterizzata mit-twettiq ta' attivitajiet imħallsa għal remunerazzjoni, bil-qlich li jsir mix-xogħol imħallas imur għand il-klijent. Indikaturi importanti f'dan ir-rigward jinkludu l-fatt li x-xogħol isir taħt il-kontroll ta' parti oħra u li l-impjegat jiġi mitlub ikun disponibbli. Jinkludu wkoll il-fatt li r-remunerazzjoni tkun l-uniku sors jew is-sors prinċipali ta' introjtu għall-impjegati, u anke n-nuqqas ta' riskju ekonomiku għalihom.

4.3 L-aktar li jagħmel il-KESE huwa li jiggwida lill-Istati Membri billi jissuġġerixxi mudelli tal-aħjar Prattiki, eżempju tajjeb huwa l-mudell minn Malta li kien ta' suċċess kbir.

Meta jkun qed jiġi kkunsidrat l-istatus tal-impjieg ta' persuna illi hija ddikjarata bħala persuna li taħdem għal rasha u li prima facie mhux ikkunsidrata bħala impjegata, għandu/jista' jitqies li hemm relazzjoni ta' impjieg u li l-persuna għal min is-servizz ikun jiġi provdut hija dak li jħaddem jekk minn tal-inqas ħamsa mill-kriterji li ġejjin jiġu sodisfatti rigward il-persuna li qed tagħmel ix-xogħol:

- hija tiddependi minn persuna waħda għal min is-servizz qed jiġi provdut għal mill-inqas 75 % tad-dħul f'perjodu ta' sena;
- hija tiddependi mill-persuna għal min is-servizz qed jiġi provdut biex jiġi stabbilit liema xogħol irid isir u fejn u kif ix-xogħol li ġie assenjat irid jitwettaq;
- hija tagħmel ix-xogħol permezz ta' makkinarju, għodda u materjali provduti mill-persuna għal min is-servizz qed jiġi provdut;
- hija tkun soġġetta għal skeda ta' ħin tax-xogħol jew għal perjodi ta' ħin minimu ta' xogħol stabbilit mill-persuna għal min is-servizz qed jiġi provdut;
- hija ma tistax tagħmel sottokuntrattar tax-xogħol tagħha lil individwi oħra flokha meta jitwettaq ix-xogħol;

- (f) hija persuna integrata fl-istruttura tal-proċess ta' produzzjoni, l-organizzazzjoni ta' xogħol jew il-ġerarkija tal-kumpanija jew ta' organizzazzjoni oħra;
- (g) l-attività tal-persuna hija element ċentrali fl-organizzazzjoni u t-tweġġ tal-għanijiet tal-persuna għal min is-servizz qed jiġi provdut; u
- (h) hija tagħmel xogħlijiet simili tal-impjegati eżistenti jew, fil-każ ta' meta x-xogħol jiġi esternalizzat, hija tagħmel xogħlijiet simili għal dawk li kienu jkunu mwettqa qabel minn impjegati.

4.4 Jeżistu definizzjonijiet differenti mhux biss fid-diversi pajjiżi Ewropej<sup>(9)</sup>, imma wkoll fil-liġi tal-UE. Dan in-nuqqas ta' ċarezza joħloq problemi kbar f'sitwazzjonijiet transkonfinali. In-nuqqas ta' rabta bejn l-oqsfa legali nazzjonali u dawk Ewropej fir-rigward tad-distinzjoni bejn l-għoti ta' impjieg u l-provvediment ta' servizzi jagħmel il-kunċett ta' impjieg indipendenti suġġett problematiku, partikolarment fejn jidħol xogħol transkonfinali.

4.5 Mill-perspettiva internazzjonali qed isir dejjem iżjed diffiċli biex wieħed jistabbilixxi jekk ikunx hemm relazzjoni ta' impjieg. Dan jiġri f'sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet tal-kuntratt ma jkunux ċari u inambigwi, jew fejn iż-żieda fil-flessibilità u d-deregolazzjoni jagħmluha diffiċli biex tiġi stabbilita l-possibbiltà ta' relazzjoni ta' impjieg. Dan jiġri wkoll meta l-leġislaturi joħolqu diversi tipi ta' forum intermedji, jew sempliċement jitrattaw il-possibbiltà li dak li jkun jibda impjieg indipendenti mil-lum għall-għada bħala wieħed mill-metodi ġodda ta' kif isir in-negozju.

4.6 L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tat twissija bikrija dwar l-abbuż li jista' jkun hemm mill-impjieg indipendenti, li jwassal għal evażjoni tad-drittijiet tal-impjegati u tal-protezzjoni legali li normalment hija marbuta mar-relazz-

joni ta' impjieg. L-ILO irreferiet għall-possibbiltà ta' abbuż li jirriżulta minn ġabra ta' fatturi: leġislazzjoni li tkun ristretta jew interpretata b'mod dejjaq wisq; leġislazzjoni li tkun miksuba b'tali mod li l-ambitu u l-effetti tagħha jkunu minimi; ikun hemm relazzjoni ta' impjieg u fl-istess ħin ma jkunx jidher ċar min hu dak li jħaddem; diversi forum ta' impjieg indipendenti falz ma jkunux koperti; u jkun hemm nuqqas ġenerali fil-monitoraġġ tal-konformità.

4.7 Id-definizzjoni stabbilita fil-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Istatus fl-Impjieg tiddefinixxi x-xogħol ta' dawk li jaħdmu għal rashom bħala xogħol fejn ir-remunerazzjoni tiddependi direttament mill-profitti li jirriżultaw mill-produzzjoni tal-beni manifatturati u s-servizzi mogħtija. Mill-perspettiva storika, dan jiddistingwi tliet gruppi ewlenin ta' persuni li jaħdmu għal rashom: mikrointrapriżi, negozji zġħar, u freelancers. Fl-Assemblea Ġenerali ta' Ġunju tal-2006 ġiet adottata rakkomandazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' impjieg (Rakkomandazzjoni 198)<sup>(10)</sup>. L-għan prinċipali ta' dik ir-rakkomandazzjoni kien li tittejjeb il-politika nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegati li qegħdin f'relazzjoni ta' impjieg (Artikolu 1.4).

4.8 Fl-istess ħin, bejn l-2005 u l-2007 l-ILO ħadmet biex tkompli tiżviluppa l-kunċetti użati. Minbarra r-rakkomandazzjoni li ssemmiet diġà, tlestew bosta dokumenti li, fost affarijiet oħra, jagħtu ħarsa ġenerali lejn ir-regoli nazzjonali eżistenti. Minn dik il-ħarsa ġenerali, jidher ċar li qed tikber il-ħtieġa biex jiġu żviluppati definizzjonijiet ċari li jippermettu distinzjoni bejn il-forom ta' impjieg indipendenti leġittimi u l-prattiċi qarrieqa li l-uniku skop tagħhom huwa li jevadu jew iduru mal-liġi tal-impjieg u d-dispożizzjonijiet legali l-oħra.

4.9 Il-KESE jirrakkomanda li l-indirizzar tal-problema speċifika tal-persuni li jaħdmu għal rashom tkun diskussa fid-djalogo soċjali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u li l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom ikunu jistgħu jieħdu sehem fid-djalogo soċjali.

Brussell, 21 ta' Marzu 2013.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(9)</sup> Mill-perspettiva legali, tfasslu diversi kriterji fl-Istati Membri tal-UE fir-rigward tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg: subordinazzjoni għall-impriża tal-utent; subordinazzjoni għall-ordnijiet u l-istruzzjonijiet fit-tweġġ tax-xogħol; integrazzjoni fi skema (kollettiva) ta' ppjanar; eżekuzzjoni u kontroll imfasslin minn partijiet oħra; il-ħaddiem ikun ekonomikament u finanzjarment dipendenti mix-xogħol imwettaq għal impriża jew minnha; l-intrapriża inkwistjoni tkun tappareni lil xi ħadd ieħor; dipendenza finanzjarja fuq persuna (unika) li tħaddem (<http://www.clr-news.org/CLR-News/CLR%20News%202-2007%20ISSN.pdf>, p. 35).

<sup>(10)</sup> Ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata b'71% tal-voti mitfugħa. Għandu jkun innutat li d-delagazzjoni ta' min iħaddem ikkoperat fit-tfassil tar-rakkomandazzjoni iżda fl-aħħar iddeċidiet li tastjeni milli tivvota.

## APPENDIĊI

## għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura).

**Punt 1.3**

Ibdel il-punt kif ġej:

*"1.3 Ir-rakkomandazzjoni tal-ILO tal-2006 tiegħu approċċ wiesa' għall-kunċett ta' "relazzjoni ta' impjieg" sabiex tippermetti l-azzjoni kontra l-impjieg indipendenti falz. Fid-deċiżjoni dwar jekk ikunx hemm relazzjoni ta' impjieg jew le, il-fokus primarju għandu jkun fuq il-fatti dwar l-attivitàjiet u r-remunerazzjoni tal-impjegat, irrISPETTIVAMENT minn kif tkun karatterizzata r-relazzjoni, pereżempju, f'termini kuntrattwali. Teżisti relazzjoni ta' impjieg moħbija meta dak li jħaddem jitratta l-ħaddiem b'mod li jaħbi l-istatus legali veru tal-persuna bħala impjegata, u meta t-termini kuntrattwali jista' jkollhom l-effett ta' tneħħija tal-protezzjoni li l-impjegati huma intitolati għaliha. Wieheg għandu jinnota, madankollu, li r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO huma indirizzati lill-gvernijiet nazzjonali u mhux lill-UE."*

**u Punt 4.6**

Ibdel il-punt kif ġej:

*"4.6 L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tat twissija bikrija lill-gvernijiet nazzjonali dwar l-abbuż li jista' jkun hemm mill-impjieg indipendenti, li jwassal għal evażjoni tad-drittijiet tal-impjegati u tal-protezzjoni legali li normalment hija marbuta mar-relazzjoni ta' impjieg. L-ILO irreferiet għall-possibbiltà ta' abbuż li jirriżulta minn ġabra ta' fatturi: leġiżlazzjoni li tkun ristretta jew interpretata b'mod dejjaq wisq; leġiżlazzjoni li tkun miktuba b'rati mod li l-ambitu u l-effetti tagħha jkunu minimi; ikun hemm relazzjoni ta' impjieg u fl-istess ħin ma jkunx jidher ċar min hu dak li jħaddem; diversi forom ta' impjieg indipendenti falz ma jkunux koperti; u jkun hemm nuqqas ġenerali fil-monitoraġġ tal-konformità."*

**Raġuni**

Ir-relatur jibbaża parti mill-argumenti tiegħu favur azzjoni fil-livell tal-UE fuq ir-"Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar ir-relazzjoni ta' impjieg" tal-2006. Madankollu, l-ILO espliċitament tillimita l-ambitu tar-rakkomandazzjoni tagħha għal politiki nazzjonali u liġijiet nazzjonali. Barra dan, ta' min jinnota li din ir-rakkomandazzjoni ma kinitx adottata b'kunsens (kif hija Prattika komuni fl-ILO) – għall-kuntrarju, 71 % biss tal-voti mitfugħa kienu favur il-proposta, bil-grupp ta' min iħaddem kollu kemm hu kontra.

Skont Artikolu 51(4) tar-Regoli ta' Proċedura, dawn iż-żewġ emendi ġew eżaminati flimkien.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur	73
Kontra	122
Astensjonijiet	12